MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Numru 690/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**
**(Spettur Kevin Farrugia)**

**vs**

**Anthony Saliba**
**Matthew Saliba**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Saliba Anthony** , bin mhux maghruf u Doris xebba Saliba, imwieled Rabat (Ghawdex) detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 22365(G) u **Saliba Matthew** ta’ 15-il sena iben Anthony u Josephine xebba Gerada mwieled Pieta, detentur tal-karta ta’ l-identita

136288(M) kif riportati a fol 1 u 2 tal-process bil-mod segwenti;

Talli nhar 13 ta' Awissu 2003 ghal habta ta' 1 p.m gewwa Triq il-Wied, Balzan

(a) holqu jew gieghlu jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza, ikunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra is-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat:

(b) iddenunzjaw lill-Pulizija Esekuttiva reat li jafu li ma sarx, inkella bil-qerq holqu tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri Kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Lill-**Anthony Saliba** wahdu nakkuzawh

(c) Talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, kif ukoll bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u li sar ghad-detriment ta' Reno Micallef u/jew id-diregenti tall-kumpanija Simmonds Farsons Cisk plc;

(d) Kif ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titlu li jgibb mieghu l-obligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha spectifikat, liema haga giet fdata jew kunsinnata lilu minhabba il-professjoni, industrija u kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu neccessarju, u liema ammont ta' hsara maghmula minnu huwa aktar minn elf lira maltin;

(e) akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kien instab hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-3 ta’ Marzu, 2004 ai termini tal-artikolu 370 (3) (a) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputati ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u semghet in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputati ghall-istess procedura skond il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Marzu, 2004.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat Matthew Saliba kif registrata fis seduta tal-4 ta’ Frar, 2004, Semghet ukoll l-ammissjoni ta’ Anthony Saliba **limitatament** ghall-ewwel zewg akkuzi kif registrata fis seduta tal-4 ta’ Frar, 2004;

Wara li rat l-atti tal-kawza u semghet ukoll xhieda bil-gurament:

Ikkunsidrat:

Illi fil-konfront ta’ **Matthew Saliba**, issibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u cioe l-akkuzi (a) u (b);

Illi fil-konfront ta’ **Anthony Saliba**, l-ammissjoni tieghu hija limitata ghall-ewwel zewg akuzi u ghalhekk il-Qorti ser taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-akkuzi l-ohra. Mill-atti processwali jirrizulta illi l-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat , *inter alia*, b’zewg rejati dwar it-tehid b’mod illecitu ta’flus appartenenti lill-terza persuna u cioe’ l-akkuza ta’ serq u dik tal-misappropriazzjoni indebita. Fil-mori tal-kawza ingiebu provi sufficjeti li juru li l-imputat kien impjegat ma’ agent tal-Kumpanija Farsons u li l-istess imputat kien awtorizzat jigbor flus f’isem l-agent kif fil-fatt ghamel dak in-nhar tal-hold fittizju u dan fl-ammont ta’ Lm1318 fi flus kontanti u cheque fl-ammont ta’ Lm432.91. Dawn il-flus kienu dovuti mill-klijenti tal-agent u l-prosekuzzjoni esebiet *invoices* relattivi biex turi li dawn il-flus kienu dovuti u li l-istess flus ingabbru mill-imputat Anthony Saliba. Il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li dawn l-istess flus kienu jinsabu ghand l-imputat b’rizultat ta’ serq u dan ghaliex l-akkuza **c** u **d** kienu allternattivi ghal xulxin. L-akkuza tal-appropriazzjoni indebita fil-kaz in dizamina hija pjuttost wahda akkademika fejn persuna avdata bi flus jew hwejjeg haddiehor, minflok li tezercta id-debita prudenza biex

trodd lura dawk il-flus, taghzel li tehodhom hi minghajr ebda jedd naxxenti mil-ligi. Ghalhekk l-akkuza (d) kif ravvizata fl-artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 hija pruvata fil-grad li trid il-ligi;

Ikkunsidrat inoltre illi l-prosekuzzjoni “akkuzat” lill-imputat Anthony Saliba li hu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9. L-provi mressqa mill-prosekuzzjoni f’dan ir-rigward huma sentenza tad-19 ta’ Jannar 1999 tal-Qorti tal-Magistrati dwar kontravvenzjoni kif ukoll il-fedina penali li turi sensiela ta’ kundanni ghal-numru ta’ kontravvenzjonijiet izda ma tinkorpora ebda kundanna ghal-delitti. Inoltre, l-aktar kundanna recenti hija dik tat-8 ta’ Jannar, 2003 li skond kif jiddisponi l-artikolu 53 tal-Kap 9 ma titqies ghal-fini tal-prova tar-recediva. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tqis lill-imputat recediv ai termini, 50 u 289 tal-Kap 9 kif qed titlob il-prosekuzzjoni meta “akkuzatu” bi ksur ta’ dawn id-disposizzjonijiet.

Ghalhekk, u ghal mottivi fuq premessi, din il-Qorti qed issib lill-Anthony Saliba hati tal-akkuza, (a), (b) u (d) u tilliberah mill-akkuza (c);

Ikkunsidrat dwar il-piena:

Illi fil-konfront ta’ **Matthew Saliba**, wara li rat l-artikoli 110(1) u (2) tal-Kap 9, u tenut kont tal-fedina penali nadifa tieghu, kif ukoll li ghadu minorenni, bl-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kap 9, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamlix rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446. Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 109 kif rikjest minn dak numru 110 tinterdixxi b’mod generali lil Matthew Saliba kif ukoll milli jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit, f’kull kaz li jkun.

Illi fil-konfront ta’ **Anthony Saliba**, wara rat l-artikoli 110 (1) (2), 293 u 294 tal-Kap 9, u wara li rat il-fedina penali tieghu, tenut kont li l-akkuzat ghamel dan ir-rapport falz u holoq cirkostanzi fittizji bl-iskop li jkunu inkriminati tlett persuni b’rejati serjissimi fosthom serq aggravat b’diversi

cirkostanzi fosthom li kien kommess b’arma tan-nar (ara rapport tal-Pulzija fol 96); tenut ukoll illi l-akkuzat dahhal lill-ibnu ta’ 15-il sena fl-istorja biex jintlahaq dan l-iskop (ara stqarrijiet fol 20 sa 26), il-Qorti qed tikkundannah ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ hames (5) xhur mil-lum, inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 109 kif rikjest minn dak numru 110 tinterdixxi b’mod generali lil Anthony Saliba kif ukoll milli jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit, f’kull kaz li jkun.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat Matthew Saliba kwantu il-liberazzjoni kondizzjoniata tieghu u lil Anthony u Matthew Saliba kwantu l-interdizzjoni naxxenti minn din is-sentenza.

Tordna wkoll id-divjet tal-publikazzjoni ta’ isem Matthew Saliba stante li ghadu minorenni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------